Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,639, 4 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 237 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 6) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni tal-2021 dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 59.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2021:

Iżda l-ordni prinċipali li qiegħed jiġi emendat bis-saħħa ta' dan l-ordni għandu jitqies li baqa' fis-seħħ, inkluż wara s-7 ta' Ġunju 2021, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dak l-istess ordni.

Jissostitwixxi l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

> "2. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna l-għeluq kollu ta' esebizzjonijiet u fieri:
>
> Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', b'avviż fil-Gazzetta, tordna l-għeluq ta' postijiet oħra miftuħa għall-pubbliku.".